A.L. 130 ta' l-1989

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1989 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 15)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1989 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 15).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-16 ta' Ottubru, 1989.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam Ta' Brag (Faża II) f'Selmun, limiti tal-Mellieħa:

(a) Biċċa art li tikkonsisti fi plots fl-imsemmi qasam magħrufa bħala Plot Nri. 93 sa 99, 116 sa 120 u 122 sa 130 tal-kejl ta' madwar 5302 metru kwadru li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern, mil-Lbiċ u Punent ma' triq pubblika (Rural Tenement No. 83127 u 83142).

(b) Biċċa art li tikkonsisti fi plots fl-imsemmi qasam magħrufa bħala Plot Nri. 100 sa 115 tal-kejl ta' madwar 4830 metru kwadru li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern, mil-Lbiċ ma' triq pubblika u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern (Rural Tenements Nos. 83128 sa 83132 u 83141).

(2) Flat bin-numru 6, Blokk A1, Triq il-Watar, Ta' Xbiex.

(3) Id-dar bin-numru 17-18, By the Church Street, Xagħra, Għawdex (Tenement No. Gozo 327).

(4) Id-dar bin-numru 4, Triq ir-Rand, San Ġwann.

(5) Id-dar bin-numru 98, Triq il-Qadi, Żejtun.

(6) Flat bin-numru 7, Blokk 8, Granaries Street, Floriana.

(7) Flat bin-numru 3, Blokk K, Triq Xemxija, Marsa.

(8) Flat bin-numru 1, Blokk 4B, San Ġwann t'Għuxa, Cospicua.

(9) Flat bin-numru 4, Blokk R, Bieb A, Triq iċ-Ċinerarja, Santa Luċija.

(10) Id-dar bin-numru 5, Blokk I, Triq Hal-Luqa, Tarxien.

(11) Id-dar bin-numru 62, Triq il-Ġiebja Rumana, Żejtun.

(12) Id-dar bin-numru 59, Triq il-Kappuċċini, Floriana (Rural Tenement No. 62149).

(13) Flat bin-numru 4, Blokk I, Bieb A, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Siġġiewi.

(14) Flat bin-numru 5, Blokk B-3, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Mosta.